*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,782, 4 ta' Novembru, 1980*

*Taqsima C*

# Nru. 159

4. 11. 80

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Brincat, M.P., Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-27 ta' Ottubru, 1980.

**ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, Kap. 105.**

C. MIFSUD
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Brincat, M.P., Minister of Justice, Lands, Housing and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 27th October, 1980.

**AN ACT further to amend the Traffic Regulation Ordinance, Cap. 105.**

C. MIFSUD
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, Kap. 105.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku (Emenda Nru. 2) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar ir-Regulament tat-Traffiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ erbatax-il jum wara li jsir liġi.

Emenda ta' l-artikolu 17 tal-liġi prinċipali.

**2.** L-artikolu 17 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "żewġ liri" għandhom jidħlu l-kliem "ħames liri";

(b) minflok il-proviso għas-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"Iżda, fil-każ ta' reat muri fl-ewwel kolonna ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, il-piena li għandha tingħata għandha tkun dik murija fit-tieni kolonna tagħha u, fil-każ ta' reat muri fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, il-piena li għandha tingħata m'għandha f'ebda każ tkun inqas mill-ammenda relattiva murija fit-tieni kolonna tagħha."; u

(ċ) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok il-kliem "ta' l-Iskeda" għandhom jidħlu l-kliem "tat-Tieni Skeda"; u

(ii) minnufih fit-tarf tiegħu għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda fil-każ ta' karrozza *self drive* is-sid tagħha jkun

responsabbli għar-reat kemm-il darba l-multa relattiva ma tkunx tħallset.".

3. L-artikolu 21 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 21 tal-liġi prinċipali.

(a) minflok il-kliem "ta' l-Iskeda" li hemm fis-subartikolu (1) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "tat-Tieni Skeda"; u

(b) minflok il-kliem "ħames liri" li hemm fis-subartikolu (6) tiegħu, għandhom jidħlu l-kliem "għoxrin lira".

4. Minflok l-Iskeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandhom jidħlu l-Iskedi li ġejjin: Sostituzzjoni ta' l-Iskeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

"L-EWWEL SKEDA

| *L-Ewwel Kolonna* | *It-Tieni Kolonna* |
|---|---|
| *Reat* | *Multa* |
| Sewqan ta' vettura bil-mutur fuq *caterpillar tracks:* | |
| L-ewwel reat ... ... | Multa ta' mhux inqas minn £100 iżda mhux iżjed minn £500 |
| Reat ieħor li jsir wara ... | Multa ta' mhux inqas minn £200 iżda mhux iżjed minn £500 u konfiska tal-vettura |

IT-TIENI SKEDA

| *L-Ewwel Kolonna* | *It-Tieni Kolonna* |
|---|---|
| *Reat* | *Ammenda* |
| Ksur ta' sinjal li juri li m'hemmx dħul ... ... | £10 |
| Sewqan bi *speed* eċċessiv ... ... ... ... | £10 |
| Sewqan ta' vetturi bil-mutur li jġorru xbieki jew vireg tal-ħadid li ma jkunux hekk marbutin li ma ssirx ħsara lil wiċċ it-triq ... ... ... | £50 |
| Duħħan eċċessiv minn pajpijiet ta' l-*exhaust* ... | £ 5 |
| Nuqqas ta' għemil ta' *trip* minn *motor omnibus* ... | £10 |
| Nuqqas li tiġġedded liċenza tas-sewqan ... ... | £10 |
| Nuqqas li tiġġedded liċenza tal-vettura ... ... | £15 |
| Liċenza mhux imwaħħla mal-*windscreen* ... | £ 2 |
| Dwal mhux skond id-disposizzjonijiet tal-liġi ... | £ 2 |
| *Silencer* mhux effettiv ... ... ... ... | £ 5 |
| Nuqqas ta' għoti ta' biljett lil passiġġier li juri n-nol li tħallas jew għoti ta' biljett ħażin ... | £ 5 |
| Nuqqas ta' użu ta' tavlar ta' wara ... ... | £10 |
| Ostakolu ... ... ... ... ... ... | £ 2 |

| *L-Ewwel Kolonna* | *It-Tieni Kolonna* |
|---|---|
| *Reat* | *Ammenda* |
| Tagħbija ta' passiġġieri żejda ... ... ... | £ 5 |
| Ipparkjar jew stennija jew waqfien f'postijiet ipprojbiti ... ... ... ... ... ... | £ 2 |
| Ipparkjar quddiem *garage* ta' persuna oħra li ma tkunx dik li tagħmel ir-reat ... ... ... | £ 5 |
| Użu ta' ħorn jew mezz ta' twissija pprojbit ... | £ 5 |
| Użu ta' vettura għal għan li ma jkollhiex liċenza għalih ... ... ... ... ... ... | £15" |

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jiżdiedu ċerti pieni għall-ksur ta' disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-traffiku u sabiex is-sistema ta' *tickets* għal reati tat-traffiku tkun tista' tapplika għal aktar każijiet.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Traffic Regulation Ordinance, Cap. 105.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement.

**1.** (1) This Act may be cited as the Traffic Regulation (Amendment) (No. 2) Act, 1980, and shall be read and construed as one with the Traffic Regulation Ordinance, hereinafter referred to as "the principal law".

(2) This Act shall come into force fourteen days after its enactment.

Amendment of section 17 of the principal law.

**2.** Section 17 of the principal law shall be amended as follows:

(a) in subsection (1) thereof, for the words "two pounds" there shall be substituted the words "five pounds";

(b) for the proviso to subsection (1) thereof there shall be substituted the following:

"Provided that, in the case of an offence set out in the first column of the First Schedule to this Ordinance, the punishment awardable shall be that shown in the second column thereof and, in the case of an offence set out in the first column of the Second Schedule to this Ordinance, the punishment awardable shall in no case be less than the relative fine shown in the second column thereof."; and

(c) subsection (3) thereof shall be amended as follows:

(i) for the words "of the Schedule" there shall be substituted the words "of the Second Schedule"; and

(ii) immediately at the end thereof there shall be added the following proviso:

"Provided that in the case of a self-drive car the owner thereof shall be responsible for the offence unless the relative fine has been paid.".

Amendment of section 21 of the principal law.

**3.** Section 21 of the principal law shall be amended as follows:

(a) for the words "of the Schedule" in subsection (1) thereof, there shall be substituted the words "of the Second Schedule", and

(b) for the words "five pounds" in subsection (6) thereof there shall be substituted the words "twenty pounds".

Substitution of the Schedule to the principal law.

**4.** For the Schedule to the principal law there shall be substituted the following Schedules:

"FIRST SCHEDULE

| *First Column* | *Second Column* |
|---|---|
| *Offence* | *Punishment* |
| Driving motor vehicle on caterpillar tracks: | |
| First offence ... ... | Fine (*multa*) of not less than £100 but not exceeding £500 |
| Subsequent offence ... | Fine (*multa*) of not less than £200 but not exceeding £500 and forfeiture of vehicle |

SECOND SCHEDULE

| *First Column* | *Second Column* |
|---|---|
| *Offence* | *Fine* |
| Contravening no-entry sign ... ... ... | £10 |
| Driving at an excessive speed ... ... ... | £10 |
| Driving of motor vehicles carrying iron nets or rods which are not so secured as to prevent damage to the surface of the road ... ... | £50 |
| Excessive smoke from exhaust pipes ... ... | £ 5 |
| Failure to perform trip by motor omnibus ... | £10 |
| Failure to renew driving licence ... ... ... | £10 |
| Failure to renew vehicle licence ... ... ... | £15 |
| Licence not affixed to windscreen ... ... | £ 2 |
| Lights not in accordance with the provisions of law ... ... ... ... ... ... | £ 2 |
| Non-effective silencer ... ... ... ... | £ 5 |
| Non-issue of ticket to passenger showing fare paid or issue of wrong ticket ... ... ... | £ 5 |

| First Column | Second Column |
| --- | --- |
| *Offence* | *Fine* |
| Non-use of tailboard ... ... ... ... | £10 |
| Obstruction ... ... ... ... ... | £ 2 |
| Overloading of number of passengers ... ... | £ 5 |
| Parking or waiting or stopping at prohibited place | £ 2 |
| Parking outside garage belonging to person other than offender ... ... ... ... ... | £ 5 |
| Use of prohibted horn or warning device ... | £ 5 |
| Use of vehicles for purpose other than licensed | £15" |

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to increase certain penalties for contravening the provisions relative to motor traffic and to provide for increased applicability of the traffic offence ticket system.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 2c — *Price 2c*